# Q O R T I Ċ I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 26 ta' Gunju 2018**

Rikors Ġuramentat Nru. 174 / 12/ 4RGM

Kawża fil-lista: 23

**Dr X T f'isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri**
**vs**
**Dr Y R**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors pprezentat fit-2 ta' Frar 2018 mill-konvenut li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali kif ukoll ta' divorzju quddiem din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi prezentement ir-regim matrimonjali li jirregola l-assi matrimonjali huwa l-komunjoni ta' l-akkwisti. Illi izda 1-partijiet bdew jghixu hajja separata mis-sena 2010 u ghalhekk fil-fatt ma hemm l-ebda skop illi tibqa' tezisti 1-komunjoni ta' l-akkwisti bejniethom u dana ghaliex fil-fatt il-hsieb tal-komunjoni ilu li gie terminat mis-sena 2010;

3. Illi mis-sena 2010 l' quddiem ir-rikorrenti hallas wahdu u minghajr l-ebda kontribut mill-attrici l-loan kollu ta' fuq il-propjeta' ta' Ballinasloe fl-ammont ta' €422,000 li huwa €404,000 bhala ammont misluf u €18,000 f'interessi mhallsa. Illi dana l-ammont thallas mill-esponenti wahdu meta l-partijiet kienu qeghdin jghixu hajja separata;

4. Illi r-rikorrenti qieghed jintavola dana r-rikors ai termini ta' l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dina l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-istess artikolu tordna c-cessjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiiet u dan mis-sena 2010;

5. Illi r-rikorrenti umilment taghmel referenza ghall-Artikolu 55(1) tal-Kodici Civili fejn b'mod car u inekwivoku jghid is-segwenti: "Il-Qorti tista' f'kull zmien matul is-smigh tal-kawza ta' firda, fuq talba ta' wiehed jew l-ohra mill-mizzewgin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew, tal-komunjoni ta' residwu taht l-amministrazzjoni separata li tezisti bejn il-mizzewgin."

6. Illi effettivament il-partijiet ghandhom is-segwenti assi fil-komunjoni: 1) l-propjeta li tinsab fil-fond numru 7, Triq Ghomor, San Giljan, liema propjeta` nxtrat f'isem l-esponenti biss u fejn l-esponenti hallas Lm6,000 (EUR 13,980) mal-kuntratt fi flus parafernali u l-kumplament tal-prezz ossia, LM 12,000 (EUR27,960) kienu ttiehdu f'loan u li ghalhekk huwa ghandu jinghatalu l-ammont ta' EUR 13,980 ghall-post ta'San Giljan 2) il-propjeta' 72, Triq Santa Marija, Sliema; 3) 2B, Flat 5, Peralta Court, Saint Julian's Terrace, Balluta, San Giljan; 4) Il-propjeta' bin-numru 19, Ashbrook, Letterkenny, l-Irlanda fejn inxtrat mill-esponenti biss u li thallset minnu biss; 5) u l-propjeta` 6, Sarsfield Drive, Ballinasloe, l-Irlanda fejn inxtrat mill-esponenti biss u li ukoll thallset minnu biss.

7. Illi minn mindu nfirdu ossia meta l-attrici kecciet lir-rikorrenti l-barra minn dar matrimonjali ossia mis-sena 2010 huma bdew jamministraw flushom b'mod seprarat u distint u c-cessjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti mhux se tippregudika d-drittijiet li l-partijiet ghandhom kontra xulxin, ossia d-dritt tar-rikorrenti li jiehu lura l-kreditu parafernali ta' EUR 13,980 fuq il-fond 7, Triq l-Ghomor, San Giljan u l-loan li thallas fuq il-propjeta' ta' 6, Sarsfield Drive, Ballinasloe, l-Irlanda, ossia l-ammont €404,000 li thallas kompletament minnu mis-sena 2010 l-quddiem kif ukoll l-ammeljoramenti li huwa ghamel gewwa d-dar matrimonjali kif-gew stmati mill-Perit Alan Saliba.

8. Illi l-ebda pregudizzju kkontemplati fl-Artiklu 55 (4) tal-Kodici Civili mhu se jigi kkawzat. Illi ghalhekk huwa opportun illi jkun hemm ix-xoljiment immedjata tal-komunjoni ta' l-akkwisti u sabiex il-partijiet jaddottaw ir-regim matrimonjali tas-separazzjoni tal-assi.

Ghalhekk qieghed jigi umilment sottomess lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisrti ezistenti bejn il-partijiet u dan permezz ta' sentenza moghtija ai termini ta' l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna li s-sentenza tigi nnotifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u dan ai termini ta’ l-Artikolu 55(5) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tordna illi kull parti zzomm ferm id-drittijiet taghha kontra l-komunjoni ta’ l-akkwisti;

4. Tordna li millum il’ quddiem jkun applikabbli r-regim matrimonjali tas-separazzjoni tal-assi.

U dan taht kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta tal-attrici li taqra kif gej:-

Illi permezz ta' rikors datat 2 ta' Frar 2018, ir-rikorrenti Y R qed jitlob fost affarijiet ohra x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, u li kull parti zzomm ferm id-drittijiet taghha kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi din it-talba tar-rikorrenti hija kontradizzjoni legali u ghalhekk insostenibbli tenut kont illi r-rikorrenti Y R fl-eccezzjoniijiet li ta fir-risposta guramentata tieghu tad-9 ta' April 2013, oppona ghat-talba tal-esponenti ghal separazzjoni personali ghaliex skont hu ma kienx hemm bazi ghas-separazzjoni u oppona wkoll ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

Illi r-rikorrenti kien ipprezenta rikors fit-12 ta' Novembru 2013 sabiex jigi awtorizzat jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri, u din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet moghti fid-29 ta’ Novembru 2013 cahdet it-talba tieghu ghaliex l-eccezzjonijiet ulterjuri kienu jbidlu s-sustanza tal-mertu ipprezentati fil-bidu tal-kawza.

Illi permezz ta' rikors pprezentat fl-10 ta' Marzu 2015 ir-rikorrenti talab sabiex it-talba attrici ghall-pronunzjament ta' separazzjoni personali tigi titqies minflok bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju u dan ai termini tad-disposizzjonjiet tal-Artikolu 66F tal-Kodici Civili.

Illi ukoll fit-talba ghall-pronunzjament ta' divorzju, r-rikorrenti ghamel tentattiv sabiex ibiddel is-sustanza tal-mertu u jaghmel talbiet f’dan is-sens permezz ta' dan ir-rikors.

Illi permezz ta’ dawn il-proceduri, ghat-tielet darba r-rikorrenti qieghed jipprova jaghmel tentattiv iehor sabiex ibiddel is-sustanza tal-mertu kif ipprezentata fil-

bidu tal-kawza billi jdawwar l-istess kontenut u jghattiha billi waqt illi jitlob ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, jaghmel talbiet f’ dan is-sens permezz ta' dan ir-rikors.

Illi bir-rispett, it-talbiet kolllha tar-rikorrenti huma legalment insostenibbli f’dan l-istadju.

Illi skont l-artikolu 1320(a) u l-artikolu 1320(d) u tal-Kap 16 tal-Kodici Civili fil-komunjoni tal-akkwisti jidhol dak kollu li z-zewg partijiet mizzewga jakkwistaw bix-xoghol jew bil-hidma taghhom, kif ukoll kull beni jew akkwisti bi flus jew hwejjeg ohra li jkunu gejjin mill-akkwisti, ukoll jekk l-akkwist ta' dawk il-beni ikun sar f’isem parti wahda mill-mizzewgin u dan sakemm ma jigix ippruvat xort' ohra, (Artikolu 1321 tal-Kapitolu 16 tal-Kodici Civili). Sallum r-rikorrernti ma ressaq ebda prova sabiex jiggustifika dak illi qieghed jigi allegat f’dan ir-rikors.

Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal diversi snin wara li r-rikorrenti telaq mid-dar matrimonjali ghaliex skond hu, t-tifel minuri Kian li kien ghadu zghir hafna, kien qed itellfu fix-xoghol ta' programming tal-IT tieghu u ghaliex ma kienx qed ihallilh jorqod bil-lejl u ghalhekk mar joqghod fi propjeta` ohra tal-kontendenti. Illi ma kienx il-kaz illi Kian kien qieghed itellfu, izda r-rikorrenti ma rridx illi l-esponernti isir taf illi kien qed jahdem tlett ijiem l-isptar Mater Dei u erbat ijiem l-Irlanda fuq locums. Illi wara ftit r-rikorrenti ma setax ikompli b'din is-sistema illi jinqasam bejn zewg pajjizi u ghazel li jibqa l-Irlanda, u abbanduna kompletament lil familtu.

Illi mhux il-kaz illi r-rikorrenti u l-esponenti kienu qeghdin jamministraw flushom b'mod separat. Illi waqt li r-rikorrenti kien qieghed jahdem bhal radjologu gewwa l-Irlanda bi dhul sostanzjali ta' mijiet ta' eluf; l-esponenti kienet qed trabbi familja ta' hamest itfal wahedha, tghix bil-flus li kien jibghat ir-rikorrenti sporadikament sakemm il-partijiet lahqu ftehim illi r-rikorrenti jibghat is-somma ta' tlett elef Euro (€3000) fix-xahar biex ikopru l-ispejjez tal-familja.

Illi r-rikorrenti bena karriera prolifika u llum qieghed igawdi l-karriera medika tieghu gewwa l-Irlanda mentri l-esponenti kellha ticcahhad minn karriera medika sabiex trabbi l-hamest itfal wahedha. Illi huwa ta' ghajb kbir (apparti l-assurdita legali) li r-rikorrenti jasal biex jghid illi huwa hallas wahdu minghajr l-ebda kontribut mill-attrici l-loan kollu ta' fuq il-propjeta ta' Ballinasloe fl-ammont ta' €422,000. X'jahseb li kienet qed taghmel l-esponenti waqt li huwa kien u ghadu jghix l-Irlanda minghajr ebda irbit u minghajr ebda responsabilita` tat-trobbija ta' hamest itfal?

Illi l-argument tar-rikorrenti illi ghandu kreditu parafernali ta' Eur 13,980 fuq il-fond 7, Triq il-Ghomor, San Giljan u kreditu ta' €404,000 m'ghandux bazi legali.

Lanqas ma jreggi l-argument tar-rikorrenti li ghandu kreditu minhabba l-ameljoramenti li ghamel fil-fond matrimonjali. Kif diga gie spjegat diversi drabi matul il-proceduri ta' separazzjoni, l-fond 19, Main Street, San Giljan huwa mikri lill-missier l-esponenti mill-Arcidjocesi ta' Malta.

Illi kien ikun xieraq u opportun kieku r-rikorrerrti spjega lill-esponenti u lil din l-Onorabbli Qorti kif irnexxielu jhallas s-somma ta' €422,000 (skond hu l-ammont misluf kien ta' €404,000 u l-imghax ta' € 18,000) fi zmien daqshekk qasir illi kull ma gie hallas bhala imghax fuq telf ta' €404,000 kien ta' €18,000 meta fil-kors ta' dawn il-proceduri stqarr illi ma kellux introjtu, ma kienx qed jara, ma kienx qed jahdem u recentement skond profit and loss statement ipprezentata minnu stess qed jitlef il-flus flok jaqla l-flus.

Illi kien ikun xieraq u opportun ukoll jinforma lill-esponenti u lil din l-Onorabbli Qorti kemm kellu dhul fis-snin 2010, 2011, 2012, 2013, 2014, 2015, 2016 u 2017 u x'ghamel bl-introjtu tieghu tenut kont tal-fatt illi ghalkemm dan id-dhul jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, r-rikorrenti rnexxielu ma jghaddi xejn mid-dhul tieghu ghajr ghal dak ordnat lilu bhala manteniment minn din l-Onorabbli Qorti.

Illi ghalkemm ir-rikorrenti gie ordnat jezebixxi d-dokumenti mitluba wara rikors li ghamlet l-attrici fil-21 ta' Ottubru 2014, sallum baqa inadempjernti.

Illi din il-kawza ta' separazzjoni waslet fl-ahhar u r-rikorrenti ma kellux ghalfejn jitlob x-xoljiment tal-komunjoni f’dan l-istadju u ghalhekk bir-rispett din l-Onorabbli Qorti ghandha fid-diskrezzjoni taghha tapplika l-Artikolu 55(6) tal-Kap 16 tal-Kodici Civili.

Illi in vista tar-ragunijiet suesposti, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tichad it-talba tar-rikorrenti ghax-xoljimnent tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

2. Tichad it-talbiet kollha sussegwenti maghmula mir-rikorrenti;

3. Tikkunsidra t-talbiet kollha attrici hekk kif premessi fir-Rikors Guramentat taghha;

Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti ghall-ahjar gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

**Ikkonsidrat:**

Il-partijiet izzewgu fid-9 ta' Jannar 1993 u kellhom hamest itfal; Liza li twieldet fis-17 ta' Awissu 1994, Philip li twieled fl-14 ta' Lulju 1996, Gavin li twieled fl-1 ta' Settembru 1998, Sean li twieled fl-24 ta' Novembru 1999 u Kian li twieled fit-8 ta' Awissu 2008.

L-attrici pprezentat ir-rikors guramentat taghha ghas-separazzjoni personali, fit-2 ta' Awissu 2012. Fost talbiet ohra komuni f'dawn il-kawzi hi talbet, s-seba' talba, x-xoljiment, il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Il-konvenut fir-risposta tieghu kkontesta t-talbiet tal-attrici billi ddikjara li 'ma hemmx bazi ghaliex is-separazzjoni personali ghandha tigi pronunzjata'; hu ikkontesta ukoll t-talba tal-attrici ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

B'rikors ipprezentat fit-12 ta' Novembru 2013,[1] il-konvenut talab li jirtira l-ewwel u l-hames eccezzjoni u li jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri fis-sens li ma jopponix ruhu ghad-dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali pero' ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-attrici u li ma jopponix ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti. Din it-talba giet michuda b'digriet ta' din il-Qorti tad-29 ta' Novembru 2013.[2]

B'verbal registrat fl-udjenza tal-10 ta' Dicembru 2015,[3] il-kawza giet differita ghat-22 ta' Settembru 2016 'sabiex fil-mori tad-differiment il-konvenut jaghlaq il-provi tieghu u jsir skambju ta' noti ta' osservazzjonijiet.

Fl-udjenza sussegwenti, dik tat-22 ta' Settembru 2016 l-avukat tal-konvenut iddikjarat li ma ghalqitx il-provi taghha billi kien mehtieg li l-konvenut jipprezenta xhieda addizzjonali dwar il-qadgha finanzjarja tieghu.[4]

B'verbal registrat fl-udjenza tas-27 ta' April 2017 il-kawza giet differita ghall-4 ta' Lulju 2017 ghar-rapport tal-Perit Legali.[5]

Fl-udjenza tal-21 ta' Novembru 2017 il-kawza giet differita ghar-rapport tal-Perit Legali ghat-30 ta' Jannar 2018, terminu li gie estiz ghat-12 ta' April 2018 fl-udjenza tat-30 ta' Jannar 2018.
B'verbal registrat fl-udjenza tal-24 ta' April 2018,[6] il-Qorti giet infurmata li l-Psikjatra Dottor Jean Pierre Giorgio pprezenta r-rapport tieghu u l-kawza giet differita ghas-26 ta' Gunju 2018 ghar-rapport tal-Perit Legali.

---

[1] Fol 196 Vol. 1.
[2] Fol 212 Vol. 1.
[3] Fol 607 Vol. 4.
[4] Fol 695 Vol. 4.
[5] Fol 1057 Vol. 6.
[6] Fol1196 Vol. 7.

Il-konvenut, b'rikors ipprezent fit-2 ta' Frar 2018, qed jipprocedi b'din t-talba fit-termini tal-Artikolu 55(1) tal-Kodici Civili, riprodott 'supra' li jaghti d-dritt lill-kull parti f'kawza ta' separazzjoni personali, li fil-pendenza tal-istess kawza, titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Skont is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Is-sub-inciz (4) tal-istess artikolu jghid hekk:

"Qabel tordna il-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-Qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda".

Skont s-sub-inciz (6) tal-istess artikolu meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni fil-bidu tal-kawza tal-firda, dan ghandha taghmlu mill-jum li s-sentenza tal-firda tkun finali u konkluziva.

Il-konvenut fir-rikors tieghu ssottometta li bhala koppja ilhom 'de facto' separati mis-sena 2010, li ilhom jamministraw flushom b'mod distint u separat minn dak iz-zmien u li l-attrici m'hi ser issofri l-ebda pregudizzju, billi d-drittijiet li l-partijiet ghandhom kontra xulxin u kontra il-komunjoni ser jibqghu impregudikati. Il-konvenut iddikjara li l-pagamenti li saru minnu, wara s-sena 2010, biex giet akkwistata propjeta' immobbli fl-Irlanda, jikkostitwixxu kreditu parafernali tieghu u jippretendi li dan ghandu jigi rifless fl-eventwali divizjoni tal-assi tal-komunjoni.

L-attrici tikkontesta l-allegazzjoni tal-konvenut li wara li infirdu fis-sena 2010, bdew jamminstraw flushom b'mod separat, dan ghar-raguni li l-konvenut kellu xoghol ta' radjologu fl-Irlanda b'salarju ta' mijiet tal-eluf, mentri hi, ghalkemm tabiba ma kienx possibbli ghaliha li tahdem billi ddedikat hajjitha biex trabbi l-hames ulied li kellhom. Huma kienu ftehmu li jibghatilha €3,000 fix-xahar biex jikopru l-ispejjez tal-familja. Hi ma kellhiex flus u kapitali x'tamministra hlief li tassigura li l-flus li kien jibghatilha jintefqu bl-ahjar mod fl-interess u a beneficcju tat-tfal.

Il-fatt li l-partijiet ilhom 'de facto' separati mis-sena 2010 ma jfissirx kif donnu jippretendi l-konvenut, li min dak iz-zmien, dak li qala' hu mill-professjoni tieghu, jappartjeni lilu biss. Hemm diversi fatturi li jridu jittiehdu in konsiderazzjoni fis-sentenza finali qabel jigi deciz jekk il-pretensjoni imsemmija tal-konvenut hiex fondata jew le.

Skond l-**Artikolu 1320 tal-Kap. 16,** fil-komunjoni tal-akkwisti jidhol dak kollu li z-zewg partijiet mizzewwga jakkwistaw bix-xoghol jew bil-hidma taghhom, kif ukoll, il-frottijiet tal-beni tal-partijiet mizzewga, sub-inciz (b) u kull beni jew akkwisti bi flus jew hwejjeg ohra li jkunu gejjin mill-akkwisti, ukoll jekk l-akkwist ta' dawk il-beni jkun sar f'isem parti wahda mill-mizzewgin, sub-inciz (d).

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Josette Gatesy Lewis, wife of Irme Gatesy, in her own name as well as a curator ad litem on behalf of the minor child, Alexander Gatesy vs Andy Irme Gatesy**" Rikors numru 188/05JA il-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] b'sentenza tal-4 ta' Dicembru 2015 laqghet it-talba tal-konvenut u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet billi ghaddew 10 snin mill-bidu tal-kawza ta' separazzjoni personali u l-attrici kienet ghadha ma kkonkludietx il-provi taghha. Il-Qorti osservat li f'dawn ic-cirkostanzi kien ragjonevoli ghall-konvenut li jaghmel talba simili.

Il-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-30 ta' Settembru 2016 ikkonfermat d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti u ddikjarat:

"…. it is this Court's view that the excessively and objectively unjustified delay on part of the plaintiff in concluding her evidence is delaying unnecessarily the progress and the eventual closure of the proceedings. There is no doubt that this very long delay is making it impossible for defendant to conclude and settle his financial affairs vis-à-vis plaintiff who at present, notwithstanding her initial request for the cessation of those acquests and the personal separation from defendant, is still entitled to half the earnings of defendant as well as to half of his assets. In these circumstances, rejecting defendant's request would cause him prejudice in terms of the sub-article aforementioned".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**" [Citaz 139/12RGM] deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015 li kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:

"…..il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici".

Din id-decizjoni qed tigi citata b'referenza partikolari ghal dak li ddikjara l-konvenut dwar il-propjeta' immobiljari fl-Irlanda li thallset minnu wara li l-partijiet kienu 'de facto' separati.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015 il-Qorti rriteniet li l-parti li kienet qed topponi l-waqfien tal-komunjoni mhux talli ma kinitx ser issofri pregudizzju sproporzjonat, ghall-kuntrarju il-Qorti rriteniet li l-waqfien tal-komunjoni kien ser ikun ta' beneficcju ghaz-zewg partijiet:-

**"**In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien: matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…………t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat" . Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju *incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*"

Fil-kawza appena citata il-Qorti tal-Appell ikkonfermat decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Familja fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri pregudizzju mhux proporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza. Ghall-kuntrarju, gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell li t-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser igib beneficcju inkwantu jevita li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li 'l quddiem ikun jista' jigi imputat lill-komunjoni.

Ikkunsidrat;

Il-kawza odjerna ilha pendenti mis-sena 2012 u waslet fil-fazi finali taghha.

Fost l-allegazzjoni li taghmel l-attrici fil-konfront tal-konvenut hemm dik illi qed jahbi fl-esteru ammonti sostanzjali ta' flus li jappartejnu l-komunjoni tal-akkwisti. Dan huwa kontestat mill-konvenut.

Il-Qorti hasbet fit-tul fir-rigward u hija tal-fehma, naturalment bla pregudizzju ghall-pretensjonijiet reciproci tal-partijiet, illi fl-eventwalita' li tali talba tigi akkolta f'dan l-istadju u eventwalment fis-sentenza finali jirrizulta li l-allegazzjoni tal-attrici fir-rigward hija fondata, hemm ir-riskju illi fil-frattemp il-konvenut, wara li jkun ottjena x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti pendente lite, juza l-allegati fondi mohbija tal-komunjoni u jakkwista proprjeta' parafernali fl-esteru li l-attrici mhux biss ma jkollha l-ebda dritt dwarha izda jkun difficli ghaliha illi tirrintraccaha.

F'cirkostanzi kongruwi il-Qorti hi fid-dover li tevalwa jekk bix-xoljiment tal-komunjoni fil-mori tal-kawza xi parti jew ohra hux ser tbati pregudizzju, u f'kaz affermattiv jekk tali pregudizzju jikwalifikax bhala "mhux proporzjonat".

Fil-fehma tal-Qorti, wara li gharblet sew is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet fir-rigward qed tikkonkludi illi x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju meta ghadu mhux stabbilit definittivament il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, jirreka pregudizzju mhux proporzjonat fuq l-attrici.

Il-Qorti qed tikkonsidra wkoll illi l-kawza waslet fil-fazi konklussiva taghha.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeciedi r-rikors tal-konvenut tat-2 ta' Frar 2018 billi tichdu.

Bl-ispejjez ta' din is-sentenza in parte jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef** **Deputat Registratur**